**Laqgħa ferrieħija**

Saru l-għaxra w dħalt fil-kamra
Ħdejn ħuti fil-familja,
Kapuċċina imbierka
Fi Kristu ħassejt il-milja.

Tlabna flimkien u tħaddittna
Rajna ‘l Alla jgħaqqadna,
Iħaddanna b’tant għożża
U jissokta iseddaqna.

Hekk il-ħajja f’Ġesù ħuna
Li jaf jissorprendina,
Għax lilna ifarraġna
Jurina sebħu ġo fina.

It-tlieta ftakarna sewwa
Sabiħa hi t-Trinità,
Dik l-imħabba hekk dejjiema
Li twettaq kull fraternità.

U bħad-dawl sabiħ tal-għodwa
Dawl li jsebbaħ kullimkien,
Hekk laqgħa tant sabiħa
Biha isseħħ il-barka tas-sliem.

Dak is-sliem li b’qalb jissarraf
Fl-isbaħ għotja lill-batut,
Hekk il-ħajja titbierek
Il-ġejjieni tagħha qatt ma jmut.

Kien dan li ra ħuna Franġisk
Meta b’ferħ ħalla kollox,
Fix-xejn tiegħu ra l’Kristu
Li ffriskalu ‘l ruħu qoxqox.

Ħienja l-għaqda u l-ftehimha
Tilħaq lill-qalb minsija,
Ħa niġbdu ħabel wieħed
Bħal dil-laqgħa ferrieħija.

Patri Mario Attard OFM Cap
13 ta’ Diċembru 2024

Ibierkek Alla li jista’ kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.